NEWSPAPER POST

# Il-Belt VICTORIA

*Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex*

*Settembru – Ottubru 1999* *NRU. 110*



## Messagg mill-Arcipriet

# NITHEJJEW GĦALL-MILLENJU L-ĠDID B'ĦIDMIET ĠODDA PASTORALI

F'Ottubru bdejna mill-ġdid is-sena pastorali tal-Parroċċa, sena ta' ħidma mis-saċerdoti u l-lajċi impenjati f'kollaborazzjoni ma' l-Isqof, sena ta' talb u taħriġ spiritwali bejnietna u ma dawk li jixtiequ jagħmlu pass 'il quddiem fil-ħajja Nisranija tagħhom.

Matul ix-xhur ta' Settembru u Ottubru, jiena u l-kollaboraturi tiegħi ħdimna biex inġeddu l-istrutturi tal-Parroċċa, speċjalment fejn jidħlu l-Kunsilli u l-Kumitati tagħha. Il-bidu tal-Millenju Nisrani l-ġdid iħeġġiġna biex nagħmlu dan it-tiġdid bit-tama li jkun kontribut żgħir għall-mixja Nisranija li l-Komunita' tagħna għandha quddiemha. Wara kollox, waqt li ngħixu l-preżent li għandu għeruqu fil-passat, il-ħarsa tagħna hi fil-ġejjieni li hu mħażżeż fl-eternita'.

F'dawn ix-xhur li għadddew tajna bidu wkoll għall-proġett ambizzjuż taċ-ċentru parrokkjali li ser jimbena, flok il-bini antik u mhux użabbli kif inhu li jmiss mal-Bażilika tagħna. Mhux proġett li ser jitwettaq f'sena, imma proġett li ser ikollu mpatt kbir fuq il-Komunita' Parrokkjali tagħna fis-snin li ġejjin. Il-pjanti li ġew esposti għall-pubbliku juru biċ-ċar li dan il-proġett ser jkompli jżid fid-dinamiżmu li bih dejjem tmexxiet il-parroċċa tagħna.

Żgur u persważ li kulħadd jifhem il-ħtieġa ta' proġett bħal dan, u minn dawn il-kolonni nappella lil kulħadd biex jifli l-pjanti u jagħti anke suġġerimenti oħra. Pero' fuq kollox nappella lil

*ikompli f'paġna 2*

## ŻEWĠ SEMINARISTI FL-ITALJA

Il-Bord Editorjali tar-Rivista jixtieq jsellem u jawgura kull ġid lis-Seminaristi Tonio Galea u Jeffrey Attard li din is-sena qed jagħmlu sena barra minn Malta qabel ikomplu l-istudji tagħhom fis-Seminarju t'Għawdex. Tonio u Jeffrey taw sehem ferm attiv fil-Liturġija fil-Bażilika tagħna, kif ukoll f'kull attivita li ġiet organiżżata. Fir-ritratt, Tonio u Jeffrey jidhru ma' Dun Effie Masini wara li nagħataw rigal ta' tifkira, waqt ikla organiżżata wara l-festa ta' San Ġorġ għal dawk kollha li taw sehemhom fix-xandir bir-radju.



# IL-BELT VICTORIA

RIVISTA TA' KULL XAHREJN

Ufficcju Editorjali: CENTRU PARROKKJALI SAN ĠORĠ
Triq il-Karita`, Victoria, Għawdex.
Tel : 55 63 77 • Fax: 55 69 81
Email: sangorg@vol.net.mt
Website: www2.vol.net.mt/org/sangorg


## MEMBRI ĠODDA FIL -KOMUNITA` PARROKKJALI

11.07.99 : GORG, iben Dr. Paul Pisani u Simone nee' Camilleri.
31.07.99 : FRANCELLE, bint Francis Borg u Mary nee' Gatt
08.09.99 : GABRIEL, iben David Portelli u Doreen nee' Mifsud
25.09.99 : MIRJANA, bint William Debrincat u Margaret nee' Fenech
25.09.99 : CASEY, bint Ronnie Sacco u Daniela nee' Caruana

## INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

31.07.99 : Donald Camilleru u Josie Axiak
05.09.99 : Dr. Jason Zammit u Sarah Vella
07.09.99 : Reuben Demanuele u Danielle Vella
12.09.99 : Alfred Zammit u Rose Mary Rapa
25.09.99 : Noel Galea u Joanne Sacco
02.10.99 : Felix Portelli u Sylvana Bugeja

## MARRU JINGĦAQDU MA' KRISTU RXUXTAT

28.06.99 : Mary Josephine Grech
10.07.99 : Rosa Refalo
14.07.99 : Angolina Theuma
08.08.99 : Gorg Sultana
11.08.99 : Ganni Vella
25.08.99 : Gaetano Grech
31.08.99 : Giorgia Aquilina
21.09.99 : Pawlu Cutajar
28.09.99 : Ganni Vassallo

### *Donazzjonijiet għar-Rivista*

| | |
|---|---|
| Ġ. Cassar (Fontana) | Lm2 |
| Anton Farrugia | Lm2 |
| Mons Franġisk Azzopardi | Lm2 |
| Ġużeppi Galea | Lm2 |
| Rev. Joeseph Galea | Lm10 |
| John u Givanna Grech(Toronto) | Lm15 |
| Frank Schembri (Australia) | Lm5 |
| Maria Zammit (Australia) | Lm4 |
| Rev. Joseph Grech | Lm10 |

*jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

### *Messagg mill-Arcipriet*

kull min għandu għal qalbu l-Parroċċa għażiża tagħna biex b'kemm jista' u kif jista' jagħti l-għajnuna tiegħu halli dan il-proġett jitkompla u jiġi utilizżat 'il quddiem fl-aħjar interess u għall-ġid tal-Komunita' Parrokkjali tagħna.

Kull wieħed u waħda minna għandhom jkunu kburin, li mhux biss għandna tempju maestuz b'dekorazzjonijiet, pitturi u teżori mill-aqwa, imma li fis-snin li ġejjin ser ikollna wkoll kumpless u ċentru parrokkjali li ser jkompli jsaħħah, iżid u jseddaq il-ħidma pastorali għall-ġid tal-Komunita' Nisranija li niffurmaw parti minna. ●



# *Editorjal*

# WARA SAJF SHUN

Din is-sena kellna sajf verament shun, forsi iktar mis-soltu. Pero' minkejja dan kellna sajf li ġab miegħu affarijiet oħra. Sajf li ta sodisfazzjon. Sajf li minkejja s-sħana kbira ma waqqafniex milli nibdew inizjattivi ġodda għall-benefuiċċju tal-komunita' parrokkjali tagħna.

Inizjattiva li żgur kienet u għadha fuq fomm kulħadd kienet dik tar-radju "Leħen il-Belt Victoria", radju għall-komunita' tagħna. Is-suċċess ta' din l-inizjattiva deher mill-fatt li minkejja s-sħana kbira li laqtet lill-gżejjer tagħna, għad sabieħ ta' żgħażagħ, u oħrajn, impenjaw ruħhom bi sħiħ għas-suċċess tiegħu. Dan is-suċċess kompla jikber meta f'jum il-festa, permezz ta' l-Internet irnexxielna ningħaqdu ma' ħutna l-emigranti. Il-mijiet ta' e-mails li rċevejna juru kemm verament f'dak il-jum tal-festa tagħna, minkejja l-eluf ta' mili li jifirduna minn ħutna emigranti, sirna komunita' waħda li qed tifraħ u tqim, fl-istess ħin, lill-patrun tagħna u ta' gżiritna San Ġorġ.

U minkejja s-sħana wkoll, tajna bidu għall-proġett ta' bini ta' ċentru parrokkjali ikbar li ser iservi aħjar il-komunita' tagħna. Fis-sagrestija tal-Bażilika beda xogħol intensiv halli iktar 'il quddiem jibda xogħol ikbar b'konnessjoni ma' dan il-proġett. Tharrku statwi, li xi ħadd ħaseb li tharrku b'diżrispett. Sar tibdil fis-sagrestija ta' fuq biex tinżel isfel. Infetaħ aċċess ieħor għall-kor. Insomma, kellna tibdil li ser iwassal għall-proġett ikbar.

Rajna wkoll matul dan is-sajf jimbena scafolding biex isiru tiswijiet urġenti fil-koppla minn barra. Xi ftit snin ilu, madwar tnax-il sena, kien sar xi xogħol minn ġewwa, pero' issa deher li hemm bżonn naraw il-koppla minn barra. Billi gżiritna hija miftuħa wisq għal irjieħ li jġorru magħhom saħansitra raxx mielaħ, il-ġebel ittiekel sew. Għalhekk kien meħtieġ li jsiru dawn it-tiswijiet fuq il-koppla tagħna li tiddomina l-panorama ta' beltna.

U issa, bdejna sena soċjali oħra li żgur ser tkun mimlija b'ħafna attivitajiet reliġjużi, pastorali u kulturali. Żgur ukoll li kulħadd, kull membru tal-Komunita' Parrokkjali tagħna, ser jieħu sehem fihom u fejn jista' jgħin fl-organiżżazjoni tagħhom.

# Il-"CHORUS URBANUS" f'Sofia, il-Bulgarija

Il-mawra korali fil-Bulgarija kienet ir-raba' darba li l-Chorus Urbanus ħalla xtut artna u ta esekuzzjonijiet f'art barranija.

L-ewwel safra tal-Kor kienet propju fl-1977, inqas minn sentejn wara t-twaqqif tiegħu meta ngħaqad mal-Banda La Stella fiż-żjara tagħha fl-Italja u l-Isvizzera fejn il-Kor kanta fid-Duomo di Milano u fl-Arċibażilika tal-Lateran f'Ruma. It-tieni mawra barra minn Malta kienet ukoll fl-Italja, fil-Belt Eterna fis-sena 1990. Hawnhekk il-Kor kien kanta f'San Lorenzo in Damaso, fil-Bażilika ta' San Pietru u fl-Aula Nervi fejn kanta għall-Papa Ġwanni Pawlu II waqt l-udjenza għall-pubbliku. It-tielet safra tal-Kor kienet għall-Ingilterra, f'Nottingham. Hawn il-Chorus Urbanus kien esegwixxa kunċerti mat-Thoresby Colliery Brass Band f'Woksop College Chapel, f'Ollerton Roman Catholic Church u fil-Katidral ta' St. Barnabas f'Nottingham.

Ir-raba' mawra f'art barranija kienet propju dik li l-Kor wettaq madwar xahar ilu fil-Bulgarija, fil-belt Kapitali Sofia. Din il-mawra kienet kompletament differenti minn dawk ta' qabel u offriet esperjenzi ġodda ta' maturita' artistika lill-kumpless korali peress illi konna mpenjati f'recording li iktar 'l quddiem ser joħroġ fuq CD. Il-kor kellu numru ta' sessjonijiet ta' recording fl-Istudio Numru 1 tal-Bulgarian National Radio flimkien mas-Sofia Symphony Orchestra komposta minn sebgħin element taħt id-direzzjoni ta' Mro John Galea. Flimkien mal-Chorus Urbanus ħadu sehem is-solisti Yvonne Galea (Sopran), Krasimira Kostova (Mezzo-sopran), Ivan Yonkov (tenur) u Noel Galea (Baxx). Is-Surmast Galea imprezzjona kemm għall-eneġija dinamika li ottjena b'ġesti meqjusa, għaċ-ċarezza fid-direzzjoni u l-




*Il-Chorus Urbanus fl-ajruport ta' Malta*

esatezza li biha rrispondew għaliha kemm l-orkestra, solisti kif ukoll il-kor. Kemm il-membri tas-Sofia Symphony Orchestra kif ukoll id-diriġenti ta' l-istudios, speċjalment is-Sound Engineer, Atanas Baynov u l-Assistenta tiegħu Dr. Emilia Kolarova, urew l-apprezzament tagħhom għall-intensita' ta' l-interpretazzjoni tax-xogħlijiet magħżula. Meta wieħed iqis il-klima kulturali intensa tal-belt kapitali Sofia, dawn il-kummenti u kumplimenti jieħdu dimensjoni aqwa.

Għalkemm l-għan ewlieni ta' din iż-żjara kienet dik ta' recording, il-Kor ma naqasx illi jsemma' leħnu f'okkażjonijiet oħra. Fil-fatt il-Kor kanta fit-Tempju Ortodoss "Sveta Nedalya" f'Sofia u fil-Knisja ddedikata lit-Twelid



*Il-Kor waqt ir-recording mas-Sofia Symphony Orchestra*

ta' Marija Santissima fil-Monasteru ta' Rila waqt eskursjoni li saret għal dan il-Monasteru famuz qalb il-muntanji madwar 120 km 'l bogħod minn Sofia.

Il-membri tal-Kor kellhom mumenti ta' divertiment u bosta ġiti kulturali fosthom dawra gwidata mal-belt kapitali. Matul dawn il-ġiti żorna postijiet ta' interess storiku fosthom ir-Rotunda ta' San Ġorġ, l-ewwel knisja mibnija f'Sofia li tmur lura għar-raba' seklu, il-Katidral Monumentali Ortodoss "Alexander Nevski", il-Knisja ta' Santa Sofia, li minnha ħadet isimha l-belt kapitali, il-Knisja ta' San Nikola, il-Muntanja Vitosha, il-Palazz Nazzjonali tal-Kultura, il-palazz ta' l-Assemnlea Generali, galleriji u mużewijiet.

Bla tlaqlieq nistgħu ngħidu li din il-mawra f'Sofia ħalliet sodisfazzjon kbir u kienet ġawhra oħra fil-katina ta' unuri li l-Chorus Urbanus qiegħed jikseb matul is-snin. Kienet mawra li żgur ser tħalli nota pożittiva ta' sodisfazzjon ta' kull membru li ħa sehem f'din l-inizjattiva kulturali. Dan mhu xejn ħlief il-bidu dehem taċ-ċelebrazzjonijiet li l-Chorus Urbanus ser jorganizza biex jiċċelebra il-25 sena t'operat tiegħu b'risq il-kultura u s-servizz liturġiku.

Id-Diriġenti tal-Chorus Urbanus jixtiequ jirringrazzjaw lill-Ministru għal Għawdex l-Onor. Giovanna Debono u lis-Sinjuri Kevin Sciberras u Carmel Zammit, uffiċċjali tal-Kumitat Ċelebrazzjonijiet tal-Millenju f'Għawdex, lill-E.T. Comm. John Lowell, Ambaxxatur ta' Malta għall-Bulgarija u Chairman tat-Teatru Manoel; lill-Professoressa Karnabatlova Dobreva, kif ukoll irodd ħajr lill-isponsors uffiċċjali: Is-Sur Joe Mallia, Managing Director, Millenium Insurance Agency Limited, agenti f'Malta għal Llyods Underwiters, lis-Sur Domenic Grech, Propjetarju Arzella Restaurant u Aġent Esklussiv għad-ditti rinomati tal-pjanu Challen u Royale.

# SAN ĠORĠ 1999

## L-AHHAR FESTA TAT-TIENI MILLENJU

Il-Festa ta' San Ġorġ, Patrun ta' Beltna u ta' Gżiritna ġiet ċċelebrata bejn it-3 ta' Lulju u it-18 ta' Lulju 1999 b'mod l-iktar dinjituz fil-Bażilika taghna u fil-Belt Victoria u żgur li kienet festa unika bhala l-ahhar festa ta' dan il-millenju.

Mhux posibbli fil-ftit paġni tar-rivista taghna li nidhlu fid-dettal u niddeskrivu ċ-ċelebrazzjonijiet kollha li saru. Ser naghtu harsa hafifa lejn festa meraviljuża li ser nibqghu nsemmu bhala Festa Kbira f'okkażjoni unika: l-ahhar festa tat-Tieni Millenju tal-Kristjaneżmu.



*Id-Duo Marcello Canci (Vjolin) u Giuseppe Scotese (Pianoforte)*



*Il-Kor Anglikan tal-Katidral ta' Ely*

Ghall-ewwel darba ghall-okkażjoni tal-festa bdejna nxandru bir-radju tal-Komunita' Lehen il-Belt Victoria, fuq Frekwenza 104FM. Din l-inizjattiva kienet verament milqugha tajjeb kemm mill-komunita' parrokkjali taghna kif ukoll minn ohrajn minn barra l-Belt Victoria li setghu jisimghu x-xandiriet taghna. Mhux possibbli ssemmi lil dawk kollha li taw sehemhom biex din l-inizjattiva tirnexxi, imma żgur li mhux ta' minn ma jsemmix lil Dun Effie Masini li biex nghidu hekk kien il-mohh li mexxa dan ir-radju. Fost l-aqwa mumenti ta' dan ir-radju kellna x-xandir fuq l-internet tas-sound waqt il-Pontifikal Solenni u x-xandir b'sound u vision waqt il-hruġ u d-dhul tal-purċissjoni pontifikali flimkien ma ghadd ta' intervisti li saru lill-membri tal-Komunita' taghna li ghandhom nieshom imsefrin. Fuq ir-radju xxandru diversi funzjonijiet liturġiċi u ma' kull min titkellem kien jghidlek li l-livell ta' xandiriet kien gholi ferm ghall-istazzjon tal-Komunita' li kien qed ixandar ghall-ewwel darba.



*Mons Arċipriet, is-Sinjuri Toni Farrugia u George Cremona, u Fr. Effie Masini fl-istudio tar-Radju tal-Komunita' Lehen il-Belt Victoria.*

Matul id-disat ijiem tan-Novena bi thejjija ghall-festa l-Ghaqda Teatrali Astra ippreżentat "Il-Hajja ta' San Ġorġ" f'disa' episodji dramatizzati fuq kitba ta' Mons Salv Borg u taht id-direzzjoni tas-Sur Ġorġ Mizzi. Ghan-novena attendew numru kbir ta' tfal mal-ġenituri taghhom u żgur li hareġ hafna ġid mill-episodji li ġew preżentati.

Il-Festa ta' San Ġorġ, l-ahhar festa tat-tieni millienju, kienet karatterizzata wkoll minn ghad ta' manifestazzjonijiet kulturali li nżammu. Fost dawn l-attivitajiet ta' min isemmi l-kunċert klassiku prestiġġjuz li sar fil-Bażilika mid-duo Marcello Canci (vjolin) u Giuseppe Scotese (pianoforte) mill-Accademia di Santa Cecilia ta' Ruma li sar bil-kordinazzjoni tal-Kor Laudate Pueri. Barra minn dan il-kunċert kellna wkoll kunċert iehor ta' mużika sagra, din id-darba mill-Ely Cathedral Choir, il-kor maghruf tal-Katidral Anglikan ta' Ely fl-Ingilterra. Fl-okkażjoni tal-festa il-Korijiet taghna ma baqghux lura u nhar it-Tnejn 12 ta' Lulju hadu sehem f'Akkademja Mużiko-Letterarja fil-Bażilika taghna.

Matul il-jiem tal-festa ma hsibniex biss biex nifirhu ahna, imma l-komunita' taghna ftakret ukoll fil-morda, fl-anzjani, f'persuni b'diżabilita' u f'ohrajn. Fil-fatt saret ghotja ta' demm minn xi membri tal-parroċċa fl-Isptar Ġenerali t'Ghawdex kif ukoll sar quddies fi djar tal-morda li ma jistghux johorġu. Wara kampjanja ta' solidarjeta' nisranija saret preżentazzjoni ta' ghotjiet lir-Rev. Dun Manwel Curmi, Direttur tal-'Caritas' Djoċesana. Il-morda u l-anzjani li setghu jiġu fil-Bażilika nghaqdu flimkien f'ċelebrazzjoni li matulha ġie amministrat is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda. It-tfal tal-parroċċa taghna stiednu wkoll lit-tfal bi bżonnijiet speċjali mill-'Eden Foundation' ghall-quddiesa speċjali u wara dawn inghaqdu ghal loghob u

nghataw x'jieklu fi Pjazza San Ġorġ.

Għal din l-aħħar festa tat-Tieni Millenju l-mużika fil-Bażilika, li dejjem ġiet esegwita b'mod impekkabbli, hadet xejra oħra bil-parteċipazzjoni ta' solisti barranin. Matul il-jiem tat-Tridu, li matulu ppiedka l-Kan. Onor. Ir-Rev. C. Curmi, kif ukoll lejlet u nhar il-festa kellna magħna lit-Tenur Rumen Doikov u lill-Baritonu Carlos de Miranda. Il-mużika fil-Bażilika kienet bhas-soltu taħt id-direzzjoni tal-Prof. Joseph Vella, Maestro di Cappella.

M'hemmx dubju li l-festi esterni bhas-soltu kienu f'idejn is-Soċjeta' Filarmonika La Stella, li grazzi għall-Kumitat ħabrieki tagħha u għas-sehem diżinteressat tal-banisti, għamlu unur lill-parroċċa tagħna u lill-gżiritna. Din is-sena għall-okkażjoni tal-festa ġie nawgurat il-palk tal-banda li jintrama fi Pjazza Indipendenza li ġie restawrat u ngħata dehra tassew dinjituża.

Din is-sena ngħaqdu mal-Banda Ċittadina La Stella, biex jieħdu sehem fil-festa tagħna diversi baned oħra. Dawn kienu l-Banda Santa Marija taż-Żebbuġ, Għawdex; il-Banda San Ġużepp ta' Għajnsielem; il-Banda Ċittadina King's Own tal-Belt Valletta; il-Banda San Ġorġ ta' Ħal-Qormi u l-Banda Mnarja tan-Nadur.

Ma tistax titkellem fuq il-festa ta' San Ġorġ f'Għawdex jekk ma ssemmix il-Pontifikal ta' Jum il-festa, presedut mill-E.T. Mons Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata. Din is-sena f'għeluq it-Tieni Millenju, niseġ il-Paniġierku l-E.T. Mons Isqof Cauchi stess.

Din iċ-ċelebrazzjoni tattira eluf ta' Maltin u Għawdxin minħabba li matulha tiġi esegwita l-quddiesa "Mass in D 'Princeps Maryrum' kompożizzjoni tal-Prof. Joseph Vella. Din is-sena kellna esekuzzjoni tassew unika ta' din il-quddiesa għax is-solisti li ħadu



*Il-Kan. Onor. Rev. C. Curmi*



*It-Tenur Rumen Diakov*



*Is-Sur Dolindo Cassar, President tas-Soċjetà La Stella, flimkien ma' Mons Arċipriet u Mons Salv Borg jilqgħu lill-President ta' Malta fi Pjazza San Ġorġ*



*L-Isqof Mons Nikol Cauchi waqt il-Paniġierku fil-Pontifikal tal-Festa*



*L-E.T. Prof. Guido de Marco, President ta' Malta, waqt il-Pontifikal Solenni fil-Bażilika.*

sehem fija kienu Rumen Doikov (Tenur), Carlos de Miranda (Baritonu) u Renata Vascotto (Sopran). Barra li wieħed jgħid prosit kbir lil dawn it-tlett solisti barranin, ma jridx jinsa jagħti prosit kbir ukoll kemm lill-orkesta kif ukoll lill-kor li ħadu sehem.

Din is-sena, għall-Pontifikal ta' Jum il-Festa kellna l-unur nilqgħu fil-Bażilika tagħna lill-E.T. il-Prof. Guido de Marco, President tar-Repubblika ta' Malta. Il-President de Marco ġie milqugħ fi Pjazza San Ġorġ mill-Banda La Stella bid-daqq ta' l-Innu Nazzjonali. Kienu preżenti wkoll l-Onor. Anton Tabone, President tal-Kamra tar-Rappreżentanti, is-Sindku tal-Belt Victoria, is-Sur Paul Galea, u membri parlamentari.

Għall-festa ta' San Ġorġ ta' din is-sena ġew inawgurati diversi opri ġodda fosthom żewġ kwadri, wieħed ta' l-Arċipriet Mons Emanuele Mercieca, xogħol ta' Raymond Pitre' u l-ieħor ritratt ta' Mattia Preti xogħol ta' George Scicluna. Barra minn dan ġie restawrat, kif ġa semmejna l-palk tal-banda, kif ukoll il-kwadru tal-Madonna ta' Lourdes ta' Cortis. Dan il-kwadru ġie restawrat mir-restawratur Godwin Cutajar. Sar ukoll rinnovament tad-Domus Curiali, fi Pjazza San Ġorġ u saret bieba tal-kewba għan-niċċa ta' l-Irxoxt maħduma mill-aħwa Mario u Ġorġ attard, kif ukoll it-tkomplija tad-dekorazzjoni mill-artist A. Camilleri Cauchi tal-pedestal maħdum minn Frank Sacco fuq disinn ta' l-istess artist. Iżżanżnu wkoll pavaljuni ġodda fi Triq Mons. G. Farrugia li kienu miġbura mill-familji li joqgħodu fl-istess triq.

Inħossuna fid-dmir li nroddu ħajr mill-ġdid lil dawk kollha li taw is-sehem tagħhom biex il-Festa ta' San Ġorġ 1999 tkun verament festa li tixraq bħala l-aħħar festa tat-Tieni Millenju. J'Alla l-ewwel festa tat-Tielet Millenju ma tagħmilx għajb lill-festa ta' din is-sena. ❑

# MITT SENA ILU NQATA' ID-DFIN MILL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ

*Mill-Kan. Dun Nikol Vella Apap*

Fl-1506 il-Knisja l-qadima ta' San Ġorġ kienet qed timbena mill-ġdid. Dan jixhdu t-testment ta' Andrea Bonnichi, residenti fil-Kastell, li kien sar fit-28 ta' Settembru 1506. Fih naqraw li dan ħallagħall-bnubietu, lill-Knisja ta' San Ġorġ, Parroċċa fir-Rabat t'Għawdex, li kienet qed timbena, biex wara mewtu jiġi midfun fija. Il-prokuraturi ta' din il-Knisja kellhom lħallsu (mill-flus li ħalla) lil sitt qassisin meta jmut, u f'għeluq ġimgħa minn mewtu u fl-anniversarju. Kien ħalla biċċa raba' fil-kontrada tal-Cortin li kienet f'idejn Andrea Finara [1].

Fit-testment ta' Manella de Theobaldo, li għamlet fit-8 ta' Settembru 1547, stqarret li riedet tindifen fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ: "Item voluit eius cadaver inumari et seppelliri intus Ecclesiam Parochialem Sancti Georgii". Bil-malti ifisser li din riedet li l-katavru tagħha jindifen fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ [2].

## Il-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ FIL-BIDU TAS-SEKLU SBATAX

Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ ġiet restawrata kif xtaq l-Isqof Gargallo fis-snin ta' wara. Ix-xogħol fuqha beda fl-1594 u spiċċa fl-1609. Meta l-Knisja tlestiet kienet ta' daqs konsiderevoli. Kellha għamla ta' salib orma ta' "TAW". Il-bieb kien lħares fuq il-Punent, u kien magħluq bi grada ta' l-injam. Il-ġewwa mill-grada kien hemm ħawt ta' l-ilma mbierek. Il-fonti tal-magħmudija, u tieqa żgħira fejn kien jiżamm lż-żejt tal-Griżma kienu fuq il-Presbiterju. Il-kwadru titulari kien sabiħ ħafna, u kien jirrappreżenta xbieħa ta' San Ġorġ fuq iż-żiemel. Fuq in-naħa tat-tramuntana kien hemm ċimiterju spazzjuż b'kappella żgħira dedikata lil Santa Katerina [3].

Fil-Matriċl kien hemm il-problema tad-dfin. Mill-Kastell id-dfin għall-pubbliku in ġenerali kien ipprojbit, u l-ftit spazju li kien hemm fil-Korsija kien riservat l-biċċa l-kbira għall-familji nobbli. F'Għawdex dan id-dfin kien isir biss f'San Ġorġ, fiċ-ċimiterju li kien hemm miegħu [4].

Mill-Vista Pastorali ta' l-Isqof Mons Baldassare Cagliares (1613-1633) lill-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, nhar il-Ġimgħa 23 ta' April 1621, jirriżulta li l-Isqof, wara li żar l-artal maġġur. ħalla miktub li din il-knisja għandha fuq il-lemin tagħha 'ċimiterju wiesa u dekorus'. Il-bieb jingħalaq min-naħa ta' ġewwa tas-sagrestija.[5]

## IL-BINI TA' KNISJA PARROKKJALI ĠDIDA U KBIRA

Kull ma jmur il-poplu tar-Rabat beda dejjem jikber, u l-bini żviluppa dejjem madwar il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, hekk li din il-parroċċa sallum baqgħet fiċ-ċentru storiku tar-Rabat. Minn fuq is-swar tar-Rabat il-parroċċa ta' San Ġorġ tidher fiċ-ċentru preċiż tar-Rabat, dejjem milħuqha min-nies tar-Rabat u ta' l-irħula kollha t'Għawdex.

Huge Braun fil-Ktieb tiegħu to An Introduction Maltese Achitecture (Malta 1944), f'paġna 33 jgħidilna li (Vitor) Cassar kien disinjatur tajjeb. Fost ix-xogħlijiet tiegħu l-iktar li jsemmi huma seba' torrijiet u sitt knejjes, l-aħħar waħda l-Parroċċa ra' San Ġorġ.[6]

L-istoriku Pietru Pawl Castagna jgħdilna li l-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ f'Għawdex hija ta' l-Arkitett ta' l-Ordni, bin Girolamo, Vittorio Cassar.[7] Il-ħolma tal-parruċċani ta' San Ġorġ bdiet isseħħ fis-7 t'Awissu 1672 meta fi żmien il-Kappillan Għawdxi Dun Anġ Bonnici, tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida.[8] Il-Gvernatur t'Għawdex il-Kommendatur Francesco de Corduba kien imur iġorr il-ġebel fuq spallejh waqt il-bini tal-knisja. Barra min hekk kien ħallas għall-kwadru titulari xogħol tal-Mattia Preti.[9]

Din il-knisja parrokkjali hija l-ewwel waħda mibnija f'Għawdex f'forma ta' salib latin, bil-kor, kappelluni, korsija u koppla. Din il-knisja l-ġdida kellha oqbra fil-korsija, fil-kappelluni u fil-kor. Il-kanierja kienet fejn illum hemm il-kappella ta' Ġesù Marija. L-'Ossarju', jiġifieri l-fossa, fejn kienu jixħtu l-għadam meta jitnaddaf xi qabar, kienet fil-ġenb ta' l-artal ta' l-Erwieħ fejn illum hemm in-niċċa ta' Sant Antnin u fejn qabel sas-sena 1945, kien hemm in-niċċa ta' San Ġorġ. Dan kien qabel ma nbniet l-arzella (abside) fil-kappelun ta' l-Erwieħ.

Insibu miktub fir-reġistru tal-Mejtin tal-Parroċċa ta' San Ġorġ li fit-13 t'Awissu 1672 kienet mietet Giovanna bint Mikiel Aguis u Cathernuzza, ta' ħames xhur u ġiet midfuna fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ. [10]

L-Isptar ta' San Ġwann Battista u Sant Antnin ta' Padova, ta' Pjazza San Franġisk, huwa mibni b'ċens perpetwu fuq xi partijiet mill-artijiet tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali u tal-Fratellanza tal-Erwieħ tal-Purgatorju tal-Parroċċa ta' San Ġorġ.[11] L-art li fuqu hemm din il-binja għadha propjetà tal-Fratellanza ta' l-Erwieħ. Il-Gvern ta' Malta kien għadu jħallas iċ-ċens (illum m'għadux) sa ftit snin ilu lill-istess Fratellanza.[12] Il-Vjatku tal-morda għal dan l-isptar kien joħroġ mill-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ u d-dfin ta' dawk li kienu jmutu f'dan l-isptar kien isir f'din il-parroċċa qadima ta' San Ġorġ.

## MITT SENA ILU JINQATA' ID-DFIN F'SAN ĠORĠ

L-Awtoritajiet Sanitarji kienu ilhom bil-ħsieb li jaqtgħu d-dfin minn ċerti knejjes fir-Rabat. Niftakar lil Mons Fortunato Grech jgħidli fis-snin erbgħin, meta jien kelli għaxar snin u kont midħla sewwa tad-dar tiegħu, li meta dan kien Kjeriku wara l-antiporta l-qadima fil-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ lahaq kien hemm għad-dfin erba' kadavri.

Fis-27 ta' Novembru 1893, il-Gvern ta' dak iż-żmien, ta' bidu biex jimbena ċimiterju fil-lokalita' imsejħa "Ta' l-Imgħajjem" fil-limiti tal-Belt Victoria.[13] Dan lċ-ċimiterju tal-Gvern kien ġie mbierek mill-Arċipriet Dr. Feliċ Refalo (1869-1917) bħala delegat ta' l-Isqof Mons Ġann Marija Camilleri, Agostinjan. [14]

Fis-sena 1899 ġew ivvutati 370 lira biex jitkabbar lċ-ċimiterju ta' "l-Infetti" u jsiru 160 qabar ieħor.[15] F'Settembru 1899, mit sena ilu, ġie probjit id-dfin f'San Ġorġ, fiċ-ċimiterju ta' Santu Wistin, u f'dak ta' l-Għonq. Ġie wkoll projbit id-dfin fil-Kappella ta' Santa Barbara u fil-Knisja ta' Savina. Il-mejtin bdew jiġu midfuna fiċ-ċimiterju l-ġdid.[16]

L-aħħar dfin li sar fil-knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ kien fit-23 ta' Lulju 1899. Ġie midfun Franġisku Farrugia ta' erbatax-il xahar, iben M'Anġlu Farrugia u ħartu Carmela mwielda Cauchi. [17] L-oqbra fil-knisja damu jidhru sas-sena 1914, meta l-korsija u kappelluni nksew bl-irħam

ikompli ☛

abjad u griż. Ta' kull sena fit-2 ta' Novembru, l-Għid ta' l-Imwiet, l-Arċipriet ta' San Ġorġ, wara quddiesa konċelebrata, fl-aħħar jinżel fil-korsija u l-kappelluni jbierek l-art kollha tal-knisja fejn darba kien hemm l-oqbra ta' l-għeżież missirijietna.

**RIFERENZI:**


1. Il-Bażilika Proto-Parrokkjali ta' San Ġorġ Martri. 1978. Nru 4 J. Bezzina. Il-Bini tal-Knisja ta' San Ġorġ. 1506-1678. p.17
2. San Ġorġ Ghawdex. Festi Lulju 1995. Nutar E.F. Montanaro. Mill-Istorja tal-Knisja ta' San Ġorġ. 1450-1565. P.13.
3. San Ġorġ Ghawdex. Festi Lulju 1999. P. Mizzi. Piki u Partiti fir-Rabat Ghawdex. p.15.
4. Ibid. op. cit. P.16.
5. San Ġorġ Ghawdex. Festi Lulju 1991. Il-Vista Pastorali ta' Mons Baldassare Cagliares lill-knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ. Kan. N. Vella Apap. P.83.
6. Il-Bażilika Proto-Parrokkjali ta' San Ġorġ Martri 1978. Nru.4. J. Bezzina. pp.30,32.
7. P.P. Castagna. Malta bil-Gżejjer Taghha u li Ghadda minn Ghalihom. Stampat ghat-Tieni Darba. 1869. It-Tielet Parti. Appendiċi. p.100.
8. Alexander Bonnici OFM Conv. Il-Matrici Kolleġġjata ta' l-Assunta u l-Ewwel Parroċċi ta' Ghawdex (1975). p. 36.
9. Achille Ferres. Descrizione Storica Delle Chiese di Malta u Gozo. (1866) pp. 553,554.
10. Lib. Matri. Et Def. Sancta Par.li Ecc. S.ti Georgii M. Vol.1. Matr. 1626-1710. p.539.
11. Il-Bażilika Proto-Parrokkjali ta' San Ġorġ Martri, 1976. Hidma, Storja taghrif. Prof. W. Ganado. B.Sc.,M.D., F.R.C.P. (London); Iċ-Ċens fuq l-Art ta' l-Isptar ta' Ghawdex. p.18.
12. Ibid. op. Cit. p.21.
13. Id-Devot ta' Marija; Marzu 1895, p.57.
14. Ibid. op. Cit p.57
15. Ibid. 18.05.1899, p.538
16. Ibid. Settembru 1899, p.158
17. Liber Defunctorum In Domino Ecclesiae Parochialis D. Georgii M. Ab Anno 1882 Usque Ad Annum 1927, Vol 5, p.225.


## Membri ta' L-Assoċjazzjoni Ingliża ta' L-Ordni Sovran Militari ta' Malta fil-Bażilika Tagħna



Nhar it-Tnejn 4 t'Ottubru 1999 madwar 50 membru ta' l-Ordni ta' Malta ta' l-Assoċjazzjoni Ingliża, immexxijin mill-President l-E.T. Peregrin Bertie (ħu l-Gran Mastru) u Fr. Anthony Conlon, Kappillan Konventwali ta' l-Ordni, waslu Malta f'Pellegrinaġġ ni tħejjia għall-Millenju l-Ġdid.

Huma kellhom bosta żjarat f'Malta, fosthom żjara lill-President ta' Malta, Quddiesa fl-Oratorju tal-Konkatidral ta' San Ġwann u oħra fil-Knisja Kolleġġjata ta' San Lawrenz fil-Birgu kif ukoll zjarat fl-Imdina u l-Mosta.

Nhar il-Ġimgħa 8 t'Ottubru huma għamlu żjara f'Għawdex li bdiet biċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa fil-Bażilika tagħna. Wara l-quddiesa l-Kavallieri talbu quddiem l-istatwa ta' San Ġorġ li hu l-Patrun ta' l-Ingilterra.

## Rokna tal-Tfal

Għeżież Tfal,

Kif tinsabu? Issa mortu lura lejn il-bankijiet ta' l-iskola. Nibża' li xi whud minnkom jinsabu mdejqin u bin-nervi li l-iskejjel reġgħu fethu għan-normal. Hafna jixtiequ li għadhom fil-vaganzi. Hafna minnkom għadhom bit-togħma tal-baħar f'ħalqhom. Iżda l-vaganzi ma jistgħux jitwalu Iżjed milli jmisshom, mhux hekk? Ma jistgħax ikun li tibqgħu vaganzi dejjem. Imma, ngħiduha kif inhi, hemm ħafna fostkom li ħadu gost li reġgħu sabu ruħhom fuq il-bankijiet ta' l-iskola. Bħal dawn għandkom tkunu lkoll kemm intom. L-iskola għadkom tħobbuha, għax mingħajra ma tkunu kapaċi għal imkien. Min jaf kemm hawn nies fid-dinja li, issa li kibru, qed jiddispjaċihom li ma tgħallmux skola! Min jaf kemm qegħdin jisthu dak iż-żmien li kellhom l-opportunita' li jitgħallmu u dan m'għamluhx! Issa kollu ta' xejn tibki l-imgħoddi, ħabib. Dawk il-jiem sbieħ ta' l-iskola taru mar-riħ, u ħadd ma jista' jerġa' jġibhom lura. Qisu li ma jiġrilkomx hemm intom ukoll!

Tfal qegħdin fix-xahar tar-Rużarju, għax hekk hu magħruf ix-xahar ta' Ottubru. Għandi nifhem li lkoll kemm intom qegħdin, f'xi ħin jew ieħor tal-ġurnata, tlissnu r-Rużarju, dik it-talba hekk sabieħa u għażiża li heġġitna ngħidu ta' kuljum Sidtna Marija. Hekk qaltilhom jagħmlu l-Verġni Mbierka meta dehret lit-tlitt itfal ġewwa Fatima. Hekk ukoll heġġett l-Immakolata Kunċizzjoni fid-dehriet tagħha lit-twajba Bernadette ġewwa Lourdes. Dan hu l-messaġġ tal-Madonna lilna. Qisu li lkoll kemm intom tilqgħu dan il-messaġġ u r-Rużarju ma tfalluħ qatt.



Wara x-xahar tar-Rużarju jiġi x-xahar ta' l-Erwieħ. F'Novembru kulħadd jerħilha lejn Iċ-ċimiterju tal-belt jew raħal tiegħu. F'dawn il-pstijiet qaddisa, għas-skiet u d-dell tas-siġar taċ-ċipress, jinsabu midfunin l-għeżież li jiġu minna. Għandi nifhem li lkoll kemm intom għandkom lil xi ħadd li jiġi minnkom mejjet u qed jistrieħ fil-paċi u s-sliem ta' dejjem. Uħud minnhom għadhom fil-purgatorju qed isaffew minn dnubiethom. Aħna obbligati li nitolbu għalihom għax huma ma jistgħux jitolbu għalihom infushom. Irridu nkunu aħna li nitolbu għalihom sabiex Alla jkollu ħniena minnhom u jfittex jeħodhom ħdejh fit-tgawdija ta' dejjem. Tinsewx li xi darba aħna wkoll għad inkunu bħalhom!

Għal-lum daqshekk, tfal, u sakemm nerġgħu niltaqgħu darba oħra, insellmilkom u nitiqilkom ilkoll is-saħħa.

Ciao

IZ-ZIJU PEPPI

# WIRJA TA' KWADRI TAL-PITTUR MARIO CAFFARO RORE

*Kitba ta'* **Dr. Paul George Pisani LL.D.**

Bejn l-1 u l-10 ta' Ottubru nżammet fiċ-Ċentru Parrokkjali tagħna wirja ta' kwadri tal-pittur veteran Taljan Mario Caffaro Rore. Il-wirja ġiet inawgurata mill-Ministru għal Għawdex, l-Onor Giovanna Debono fil-preżenza tal-pittur innifsu u s-Sinjura tiegħu flimkien ma' għadd ta' mistednin distinti. Il-kwadri f'din il-wirja jinsabu f'kollezzjonijiet privati f'Għawdex stess.

Mario Caffaro Rore huwa bla dubju d-dekan tal-pitturi Taljani ħajjin. Huwa twieled f'Turin fis-26 ta' Frar 1910.

Il-pittur beda l-karriera tiegħu f'eta' żgħira fl-1927. Ix-xogħlijiet tiegħu sagri jinsabu f'bosta knejjes, kunventi, sptarijiet u postijiet oħra. Ix-xogħlijiet profani tiegħu jinsabu jżejnu kollezzjonijiet pubbliċi u privati f'bosta pajjiżi. Mario Caffaro Rore huwa magħruf ukoll għall-iskultura tiegħu.

Bla dubju Caffaro Rore jibqa' jissemma' f'Malta għaliex huwa pitter il-koppla tal-Katidral Metropolitan fl-Imdina. Fl-1949 Patri Daniel Glavina, Ġiżwita, ra l-pittur ipitter fl-Istituto Sociale f'Turin. Huwa stiednu jpittirlu l-Qalb bla Tebgħa ta' Marija u fil-fatt l-artist qata' ix-xewqa ta' Patri Glavina.

Caffaro Rore stess jirrakkonta li meta rritorna Malta, Patri Glavina wera l-pittura lil bosta nies influwenti u tkellem tajjeb ħafna fuq il-kapaċitajiet pittoriċi ta' Caffaro Rore. Fis-6 ta' Ġunju 1952, L-Arċisqof Gonzi nnifsu żar lill-pittur fl-istudju tiegħu f'Turin biex jara b'għajnejh stess il-kapaċitajiet tiegħu. Mons. Gonzi kien impressjonat ħafna u nfatti, ftit wara, il-pittur rċieva l-kummissjoni biex ipitter il-koppla tal-Katidral ta' l-Imdina.



*Il-Kav. Paul Camilleri Cauchi jsellem lil Mario Caffaro Rore u s-Sinjura tieghu*



*Dr. Paul Pisani mal-pittur M. Caffaro Rore*

Il-buzzetti li bagħat Caffaro Rore ġew approvati b'akklamazzjoni u fl-14 ta' Ottubru 1954, il-pittur telaq lejn Malta biex jibda x-xogħol fuq il-koppla.

Ix-xogħol fuq il-koppla spiċċa f'April 1955 u ġie inawgurat ftit wara. Kemm dam Malta, Caffaro Rore pitter ukoll ritratt ta' Mons Gonzi u ta' diversi membri oħra tal-Kapitlu Metropolitan.

Matul iż-żjara tiegħu f'Għawdex fl-okkażjoni tal-wirja fiċ-Ċentru Parrokkjali tagħna ġiet inawgurata pittura li tirrapreżenta n-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta. Din il-pittura ser titqiegħed fil-Mużew ta' Arti Kontemporanja li ser jitwaqqaf fil-Bażilika tagħna.

Il-wirja li ttellgħet serviet bħala okkażjoni unika biex wieħed mhux biss jiltaqa' personalment ma' dan il-koloss ta' l-arti ta' żmienna, iżda anke li jammira bosta mix-xogħlijiet tiegħu li jinsabu f'kollezzjonijiet privati f'Għawdex. Għall-okkażjoni kien pubblikat ukoll katalogu żgħir ta' l-oġġetti esibiti li kien jinkludi wkoll biografija ta' Caffaro Rore.



*(Mix-xellug ghal-lemin) Is-sinjura Caffaro Rore, Mario Caffaro Rore, Is-injura Tabone, Mons Arcipriet, Il-Ministru ghal Ghawdex Giovanna Debono u l-Onor Speaker Anton Tabone*